MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1050/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs.**

**Emanuele Magro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Emanuele Magro ta' 62 sena, iben Giuseppe u Paola nee' Zerafa, mwieled gewwa n-Naxxar, nhar il-14 ta' Ottubru 1951, residenti gewwa St. John, Flat 3, Trejqet Niccola Cotoner, Gzira u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 910651(M)

Akkuzat talli:

1. Nhar il-24 ta' Ottubru, 2014 ikkommetta serq ta' wallet li kien fih flus kontanti ta' ammont li jeccedi l-valur ta' €232.94 liema serq huwa aggravat, bil-valur ghad-detriment ta' Charlene Catania detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 615081M bhala sid il-wallet u dan bi ksur ta' 261(c), 267, 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija, l-imsemmi Emanuele Magro jhallas lil parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Charlene Catania u r-residenza taghha, il-hanut bl-isem ta' Tal-Kantuniera Confectionery u kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma Emanuele Magro bhala recidiv ta' sentenzi imposti fuqu mill-Qorti Kriminali, liema sentenzi ma jistawx jigu mhassra ai terminu tal-Art 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mibghuta mill-Avukat Generali fis-27 t'Ottubru, 2014[1] sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

[1] A fol 23 tal-process

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Emanuele Magro bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontrih twassal ghal piena ta’ tliet snin prigunerija, u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega’ kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Waqt din it-trattazzjoni sar is-segwenti verbal: *“Il-Prosekuzzjoni u d-Difiza jaqblu illi tenut kont tal-eta’ tal-hati, talli ikkopera mal-Pulizija u bl-ghajnuna tieghu giet misjuba u rritornata r-res furtiva, li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, din il-Qorti m’ghandhiex timponi prigunerija karcerarja effettiva. Jaqblu li s-sentenza idonea tkun probation tenut kont tal-fatt tal-problemi familjari li ghandu l-imputat. Il-Prosekuzzjoni u d-Difiza jaqblu wkoll li s-sentenza ghandha tinkludi servizz fil-komunita’.”*

F’dik l-istess seduta din il-Qorti ordnat lid-Direttur tal-Probation u Parole sabiex jahtar ufficjal tal-Probation sabiex jinvestiga u jindika lil din il-Qorti jekk l-imputat hux idoneju li jghamel xoghol fil-komunita’ u dan ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-pre-sentencing report[2] maghmul mill-Probation Officer Gordon Grech.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

[2] A fol 47 tal-process

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkoopera mal-pulizija.

Fir-rapport tieghu, il-Probation Officer irrakkomanda lill-Qorti li l-imputat ma kienx idoneju sabiex jghamel ordni ta’ servizz fil-komunita’ stante li kien ghamel uzu ta’ diversi tipi ta’ droga li kien ilu jabbuza minn tali droga ghal diversi snin u qatt ma ha l-ghajnuna necessarja kontra dan il-vizzju, kif ukoll minhabba l-eta’ li ghandu. Il-Probation Officer Gordon Grech spjega lill-Qorti li mill-informazzjoni li gab mill-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin fejn qed jirrisjedi l-imputat Emanuele Magro, li l-istess Emanuele Magro ghandu problemi tal-qalb kif ukoll tan-nifs, u ghalhekk m’huwiex rakkommandat li jaghmel servizz fil-komunita’.

Il-Probation Officer issugerixxa li f’dawn ic-cirkostanzi l-imputat jinghata Ordni ta’ Probation sabiex jinghata l-gwida necessarja u jigi meghjun jindirizza l-problema tad-droga li tant ilha tippersisti f’hajtu.

L-imputat ghandu fedina penali raffrettarja tant li ghandu erba’ u ghoxrin (24) kundanna minn dawn il-Qrati, hdax (11) minnhom dwar serq u hamsa (5) ohra fuq diversi tipi ta’ droga. Mir-rapport tal-Probation Officcer jirrizulta li pendenti dawn il-proceduri, u senjatment mill-fedina penali aggornata tal-imputat, jirrizulta li l-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat sentenza ta’ sena habs, li kienet inghatat fil-konfront tal-imputat, u bhalissa l-imputat qed jiskonta din il-piena.

Pero, fil-kaz odjern, l-imputat ikkopera mal-Pulizija u indikalhom fejn kien heba l-flus misruqa – go drain fit-toilet. Li kieku l-imputat ma ikkoperax mal-Pulizija ir-*res furtiva* ma kinietx tinstab. Dan il-fatt se jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tigi biex teroga l-piena.

Fil-fatt skont l-Artikolu 337(2)(b)(i) il-piena ghandha titnaqqas b’zewg gradi, billi l-imputat irritorna ir-*res furtiva* qabel inbdew dawn il-proceduri. Pero dan il-beneficcju huwa newtralizzat bil-fatt li l-imputat huwa recidiv plurimu tar-reat ta’ serq, u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, il-piena tieghu tista’ tizdied bi grad sa tlett gradi.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*

*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti lesta li terga' taghti opportunita lill-imputat sabiex meta johrog mill-habs isib il-gwida necessarja biex jigi mghejjun jindirizza l-problema tad-droga li tant ilha tippersisti f'hajtu, u li probabbilment qed tkun il-kawza li minhabba fiha l-imputat jikkommetti reati ohra.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u ghar-ragunijiet fuq esposti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation,

[3] *Per Prim Imhallef Vincent* De Gaetano

huwa jkun jista’ jigi kkundannat ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, li huwa kaz ta’ serq biss, il-Qorti ma tarax il-lok li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C sabiex tipprotegi lil Charlene Catania.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta’ Probation annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------